2025/1566

30.7.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1566

tad-29 ta' Lulju 2025

li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards ta' referenza għall-verifika tal-identità u tal-attributi tal-persuna li lilha għandhom jinħarġu ċ-ċertifikat kwalifikat jew l-attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1c) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 jeżiġi li l-fornituri kwalifikati tas-servizzi fiduċjarji jivverifikaw l-identità u, jekk applikabbli, kull attribut speċifiku ta' persuna fiżika jew ġuridika meta joħorġu ċertifikati kwalifikati jew attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi lil dik il-persuna.

(2) Biex ikunu żgurati trattament ugwali u l-abbiltà li jkun fdat ir-riżultat tal-proċess ta' verifika, il-verifiki jenħtieġ li jagħmluhom b'mod ekwivalenti l-fornituri kwalifikati tas-servizzi fiduċjarji kollha meta joħorġu ċertifikat kwalifikat jew attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi. F'konformità mal-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, intgħażlu għadd ta' standards biex jiġu ssodisfati dawn ir-rekwiżiti speċifiċi. Dawn l-istandards jenħtieġ li jirriflettu prattiki stabbiliti u jkunu rikonoxxuti b'mod wiesa' fis-setturi rilevanti. Dawn l-istandards jenħtieġ li jiġu adattati biex ikunu jinkludu kontrolli addizzjonali li jiżguraw is-sigurtà u l-affidabbiltà tas-servizz fiduċjarju kwalifikat, filwaqt li jiffaċilitaw l-interoperabbiltà transfruntiera u l-funzjonament effettiv tas-suq intern.

(3) Jenħtieġ li l-fornituri kwalifikati tas-servizzi fiduċjarji jingħataw perjodu tranżitorju adegwat biex ikunu jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 910/2014. Biex ikun żgurat perjodu taż-żmien suffiċjenti għall-awditjar tal-fornituri tas-servizzi fiduċjarji fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wara 24 xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

(4) Il-Kummissjoni tivvaluta regolarment teknoloġiji, prattiki, standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi ġodda. F'konformità mal-Premessa 75 tar-Regolament (UE) 2024/1183 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina u taġġorna dan ir-Regolament, jekk ikun meħtieġ, biex iżżommu konformi mal-iżviluppi dinjin, ma' teknoloġiji, standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi ġodda, u biex timxi mal-aqwa prattiki fis-suq intern.

(5) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u, meta rilevanti, id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) japplikaw għall-attivitajiet tal-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2024/1183 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment tal-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali (ĠU L, 2024/1183, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1183/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([4]) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj).

(6) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), u ta l-opinjoni tiegħu nhar is-6 ta' Ġunju 2025.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat stabbilit bl-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-istandards ta' referenza u l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 24(1c) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mid-19 ta' Awwissu 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

ANNESS

Standard ta' referenza għall-verifika tal-identità u tal-attributi tal-persuni li lilhom għandhom jinħarġu ċertifikat kwalifikat jew attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi

L-istandard ETSI TS 119 461 V2.1.1 (2025-02) għall-konformità mal-klawżola C.3 tal-Anness C japplika, bl-adattamenti li ġejjin:

(1) 2.1 Referenzi normattivi

— [1] ETSI EN 319 401 V3.1.1 (2024-06): "Firem u Infrastrutturi Fiduċjarji Elettroniċi (ESI); Rekwiżiti ta' Politika Ġenerali għall-Fornituri tas-Servizzi Fiduċjarji".

(2) C.3 Każijiet tal-użu għall-ħruġ ta' ċertifikat kwalifikat jew ta' attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi f'konformità mal-Artikoli 24(1), (1a) u (1b) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014

— [CONDITIONAL] QTS-C3-01: Jekk il-verifika tal-identità għal ċertifikat kwalifikat jew għal attestazzjoni elettronika kwalifikata ssir flimkien ma' verifika tal-identità għal ħruġ ta' evidenza awtorevoli, dak il-proċess ta' verifika tal-identità għandu:

— ikun ġie evalwat bejn il-pari jew iċċertifikat minn korp akkreditat tal-valutazzjoni tal-konformità biex ikun konformi ma' livell ta' assigurazzjoni għoli f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014, jew

— jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-klawżoli C.3.1 sa C.3.6.

(3) C.3.4 Każ tal-użu għall-verifika tal-identità b'mezzi oħra tal-identifikazzjoni

— QTS-C.3.4-06A: Il-korp indipendenti tal-valutazzjoni tal-konformità msemmi fi [CONDITIONAL] QTS-C.3.4-06, il-punt c) għandu jiġi akkreditat skont l-Artikolu 3(18) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u, jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti applikabbli kollha, il-valutazzjoni jenħtieġ li twassal għal ċertifikat tal-konformità bbażat fuq awditjar taċ-ċertifikazzjoni. Dan il-proċess taċ-ċertifikazzjoni formali għandu jkun ibbażat fuq proċess ta' evalwazzjoni tas-sigurtà li jirreferi għal-livelli tal-assigurazzjoni definiti għall-mezzi tal-identifikazzjoni elettronika notifikati jew għall-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ċċertifikati skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 u għandu jinkludi ttestjar rigoruż biex tiġi evalwata r-reżistenza kontra theddid potenzjali għas-sigurtà. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jużaw standards tekniċi pertinenti biex juru r-robustezza kontra attakki bħal dawn.

(4) 9.2.3.4 Każ tal-użu għal operazzjoni awtomatizzata

— USE-9.2.3.4-04: L-IPSP għandu jistabbilixxi valuri fil-mira għall-FAR u l-FRR, abbażi ta' analiżi tar-riskju u l-proċedura tiegħu tal-intelligence dwar it-theddid, billi jħaddem il-metodoloġija stabbilita fir-rapport tal-ENISA "*Methodology for sectoral cybersecurity assessments*" [i.28] jew metodoloġija ekwivalenti, fi proċessi ta' verifika tal-identità kompletament awtomatizzati. Dawn il-valuri fil-mira għandhom ikunu daqs jew inqas minn dawk stabbiliti għall-każijiet tal-użu ibridi, meta jkunu jeżistu. L-IPSP għandu jżomm dawn il-valuri fil-mira għall-FAR u l-FRR b'mod konsistenti, appoġġati minn analiżi tar-riskju u l-proċedura tiegħu tal-intelligence dwar it-theddid.

(5) 8.3.3 Validazzjoni ta' dokument fiżiku tal-identità

— VAL-8.3.3-21: L-effettività tal-miżuri għall-konformità mar-rekwiżiti VAL-8.3.3-05X, VAL-8.3.3-05A, VAL-8.3.3-05B, VAL-8.3.3-05C, VAL-8.3.3-07A u VAL-8.3.3-07X għandha tiġi ttestjata minn laboratorju akkreditat jew minn awtorità nazzjonali kompetenti, kull meta dawn ikunu ddeżinjati, sa mhux aktar tard mid-19 ta' Awwissu 2027 u mbagħad tiġi ripetuta kull sentejn.

(6) 7.12. Terminazzjoni u pjanijiet ta' terminazzjoni

— OVR-7.12-02: Il-pjan tat-terminazzjoni għandu jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 [i.1].